# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**113.** | **29 ta' OTTUBRU 1910.** | **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str; S. Vincenzo.**

# BEDA JBERRAK!!

Jecc tieħdu f'idejcom l-*Avvenire* ta's-Sur Cicc tintebħu malajr li għal l-elezjoni li gejja ġa beda jberrak ġmielu.

Is-Sur Cicc jaf tajjeb li it-Tabib Pullicin ilu ħafna snin f'il politica u li dejjem gieb ruħu ta' onest u ta' galantom; jaf tajjeb li għad li ma hux xi xcora għerf iżda dmiru dejjem kdih tajjeb u dejjem ħadem chemm felaħ biex ijfittex il gid ta'l pajjis.

Is-Sur Cicc jaf ucoll li it-Tabib Pullicin żamm il ŭiegħdiet tiegħu u ħareġ ta' ragel billi iddimetta ruħu bħal ma kal, u jaf ucoll li l-eŭŭel distrett fih il cotra ta'l eletturi li għandhom rashom fuk għonkhom biex jaħsbu biha u għalhecc billi is-Sur Cicc beda jitbażża li jitlagħlu f'il Cunsill m'il ġdid it-Tabib Pullicino u b'hecc ijcun tah dakka ta' ħarta cbira ħafna, beda jibbumbardjah bl'icreħ u b'ħafna offisi personali minn ŭara il colonni ta'l *Avvenire*. U għandu raġun li jibda jitbażża minnu għaliex jaf li il ħatra tiegħu sejjra tfisser li l-intelligenti ta'l eŭŭel distrett huma contrarji għall politica ta's-Sur Cicc, illi huma jridu id-dimissjoni, li b'hecc jigi actarx *in minoranza* u allura jecc ma jitilkux minn jeddhom il Gvern biex joħroġ ta' ragel ijcollu jħoll il Cunsill hu.

Dana is-Sur Cicc collu xammu m'il bogħod u għalhecc beda jispara mnejn għad ijrid jiffaċċa il għadu u beda jfittex li jiżbgħu bl-isŭed b'cull xorta ta' insulti personali li ma jixirkux lil gazzetta bħal tiegħu.

Li hu jattacca b'dana il mod baxx l'it-Tabib Pullicino ma jogħġobnix, ŭara li żammu ma' spalltu u inkeda bih u giegħlu jiffirma il programma miegħu għal ħafna snin. Chiecu dac li kal issa kalu meta chienu ħbieb u meta chellu bżonnu conna natuh xi pis; iżda billi jgħidu il-lum li cullħadd jaf li huma għedeŭŭa politici u li is-Sur Cicc jibża li jcun maħtur hu, dac iż-żebliħ ta'l *Avvenire* l-ebda bniedem b'il għakal ma hu sejjer jatih l-ebda pis.

Dana anzi jurina li is-Sur Cicc ijrid ijżomm postu hemm fuk b'cull mod billi sammar f'il bandiera tiegħu il chitba «*Habemus intentum et ne curemus de modo;* bħal ma turina l-istess ħaġa ix-xniha li haŭn li hu sejjer joħroġ gazzetta b'il malti biex jiddefendi ruħu ma'l poplu baxx. Dana ma għandu l-ebda bżonn u raġun li jagħmlu jecc ijrid li għamilu jcun b'id-diher. Hu jaf li jiena ma hiniex għadu tiegħu personali u li barra m'il affari ta'd-dimissjoni nista ingħid li nakbel f'il politica miegħu, jaf li fl-elezjoni l-oħra ftaħtlu biebi u klibtlu b'il malti dac li ried ijgħid bla interess ta' xejn, jaf li meta jogħġbu jicconfuta dac li ngħid jien jeŭ gazzetti oħra b'il malti biebi hu dejjem miftuħ għalih għaliex in-«Naħla» tiegħi bħala gazzetta indipendenti u bla mibegħda personali ma tibżax li is-samma iż-żeŭġ kniepen biex titla f'il ŭiċċ il verità. Mela jecc jidhirlu li għandu raġun jiddefendi ruħu u jecc jippersŭadina li ir-raġun hu tiegħu jsibna dejjem sejf u tarca għalih bħal ma sabna fl-elezjoni l-oħra.

Iżda ma jridx jibda jiccumbatti b'il personalità li hu tant jobgħod u jmakdar bħal ma kiegħed jagħmel ma't-Tabib Pullicino. Jattacca il *fehmiet* tiegħu u m'hux il *persuna*. Jippersŭadina li id-*dimissjoni* hi ħsara u m'hux gid għall pajjis u jsibna miegħu; iżda jecc, għax jara li ma għandux argomenti tajjba b'iż-żejjed, jibda jcasbar in-nies li ma jaħsbuhiex bħalu b'ħafna personalità baxxa jcollna ingħidulu li diċ il gŭerra personali li ma jridx m'il għedeŭŭa tiegħu kiegħed jagħmilha hu ucoll u allura ma ħakkux ħliet it-tmakdir ta'n-nies onesti u intelligenti collha.

Is-Sur Cicc għandu jippersŭadina minn żeŭġ ħuejjeġ jecc ijrid li aħna jibkgħilna il fiduċja fih.

L-eŭŭelnett għandu jdaħħlilna f'rasna li hu kiegħed jagħ-

# Il Musica Sagra Maltija

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

## Frangiscu Azopardi.

Dana il cbir compositur ta'l musica sagra tüieled f'iż-żmien li dina chienet kiegħda tisseüüa u tissaffa m'il ħafna ħsejjes u tlellix ta'l musica profana, billi dic il ħabta, ucoll i Papa chien għamel chemm sata biex il musica sagra tcun xi ħaġa xierka għa'd-Dar t'Alla u ma tcunx tixbaħ id-dakk ta'l pjazez u ta't-teatri.

Chaldakstant l-Azopardi tagħna ħakku tifħir għal darbtejn üaħda għaliex ħallielna ħafna musica ta'l cnejjes sabiħa tasseü, u l-oħra għaliex dina, biex chitibha, ma chellux üisk fuk min jimxi iżda ried ijsib triektu b'ħiltu stess.

U irnexxa tasseü għaliex insibu it-tifħir tiegħu saħansitra f'il «Gazzetta Letteraria di Parigi» ta'l 1789, numru 179, magħmul minn üieħed m'il akūa chittieba ta'l musica ta' dac iż-żmien; u b'hecc ismu gera ma'l Eüropa collha u gie magħdud bħala üieħed m'il aħjar compondituri ta'd-dinja. Ġo Madrid u f'il Baviera il musica tiegħu chienet imfittxa üisk; u fi Franza kalbulu f'ilsen franciż u xerrdulu fl-aħjar Conservatorji ta'l Musica ta'l Eüropa l-opra tant imfaħħra tiegħu:— « TRATTATO SULLA TEORIA E PRATICA D'UNA ARTE» u li fiha chien hemm ħafna musica sabiħa minn tiegħu.

Dana tgħallem f'Napli fejn katta tmien snin sħaħ taħt l-aħjar Professuri ta' hemm; u tant irnexxa li riedu jżommuh Professur f'dac il Conservatorju stess. Iżda Azopardi biex jigi jitghezzez ma' djul il familja tiegħu u f'pajjisu tilef collox għaliex haün ma chisebx ħlief il għejra u iż-żebliħ ta'l Maltin l-oħra f'il ħin li chiecu meraħ ma'd-dinja chien jista jicseb għana u tifħir li ħadd ma jista katt ijsibhom kalb daün l'erba ħitan dojjok u miżgħuda minn nies li għax ma jistgħux jitilgħu f'il għoli huma jaħlu ħajjithom biex ijġarrfu lil ħad-dieħor.

Meta gie haün taüħ il Cappella ta'l Catidral iżda billi ma chienetx b'iż-żejjed biex ijgħix seüüa biha beda jgħallem il musica il xi żgħażagħ li üreü xi xejra għal dic is-sengħa tant sabiħa. Fost daüna għallem lil cbir Isouard, li chellu ġurnata jiġi magħdud bħala ir-*Riformatur ta'l Musica Franciża*; u li billi ma ħasebhiex bħalu u farfar ġüienħajh chiseb ġo Parigi gieħ u għana chemm ried.

D'il ħabta chiteb «IL MUSICO PRATICO» li chien l-eüüel xempju ta' metodu li fuku ħadmu il chittieba ta'l musica moderni u li gie maklub f'ilsien franciż minn Framery u stampat f'Parigi fl-1786 f'żeüġ volumi in 8vo, üieħed b'ir-regoli u l-ieħor bl-esempji. Dana il ctieb gie imfaħħar f'id-*Dizionario degli Scrittori di Musica* (Palermo 1814) u fl-*Enciclopedia-popolare italiana* ucoll, u Choron raġa stampah f'Parigi ħafna aħjar fl-1824 f'volum üieħed in 4to. Għal dac iż-żmien cull min chien ijrid jitgħallem tajjeb ir-regoli ta'l contrapunt u ta'l armonija chien ijcollu jimxi fuku u f'il Conservatorju ta'l Musica ta' Parigi daħħlu dana il ctieb biex ijgħallmu l-allievi fuku.

Azopardi chien għaref ucoll fi ħüejjeġ oħra u m'hux f'il chitba ta'l musica biss u għad bakgħilna opra tiegħu fuk «L'ORIGINE DELLA MUSICA» mictuba biex ijüakka dac li chiteb il għaref Eximeno fl-opra tiegħu fuk l-istess ħaġa. Fost il musica sabiħa tiegħu li bakgħet tissemma għal ħafna snin hi id-*Dies Irae* li turi tasseü li fehem x'ried ijfisser min chiteb dac l-innu tant kalil u cbir.

L-Azopardi chien ragel bla cburija u kalbu tajjba u dħuli ma' cull min chien jersak lejh, u dac it-tüemmin f'Alla u f'dinja oħra li għad trid tigi li tħoss f'il musica tiegħu chien tasseü ijħossu għaliex chien bniedem ta'l cnejjes üisk.

Dana chien tüieled ir-Rabat ta'l Imdina f'il ħamsa ta' Mejju 1748 u miet f'is-6 ta' Frar 1809 igifieri ta' 61 sena, u gie midfun f'il Catidral fejn għada merfugħa il biċċa il cbira ta'l musica tiegħu.

Min ijrid jara ritratt tiegħu, għad li ma tantx hu tajjeb, ijfittxu fl-*Arte* numru 13 ta'l 1863.

Mela jecc chien Malti dac li irriforma il Musica Franciża u kala tant tifħir ġo Parigi tant li semmeü sa triek għalih u għamlulu bust fl-*Opera* ta' hemm; Malti ieħor chien dac li ħareġ l-eüüel ctieb ta' metodu biex il musica tibda tinchiteb *xjentificament* u fuk dana ix-xogħol ħarġu ħafna compondituri tajjba m'il Conservatorju ta' Parigi, (li chien l-akūa) għal ħafna snin. U Isouard u Azopardi xi statüi u x'tifchiriet għandhom haün f'pajjishom għal ħila cbira tagħhom? XEJN.

---

# FLAKKIT.

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

**Teofilu Braga** li laħak President ta'l Portugall chien lavrant fi stamperija. Studja u sar avucat u daħal f'il politica u baka tiela b'ħiltu u bl-istudju sa l-ogħla post ta'r-Republica.

**F'Bellwood Hospital,** f'New York, Dr: Ward għamel operazjoni famusa li għaġġbet id-dinja collha. Certu Duffy, sparat fulmnella u farrchitlu rasu. Malli miet certu isüed, Charles katgħu ras dana u ras Duffy, u üaħħlu ir-ras ta'l isüed fuk għonk Duffy, li üara tliet siegħat fetaħ għajnejh u għadu ħajj. Jecc ijgħix ijcun üieħed m'il għegubijiet ta'x-xjenza tasseü.

**L-acbar vapur ta'd-dinja** hu l-«Olympic» ta'l White Star Company li varaü f'Belfast f'il 20 ta' Ottubru. It-tul hu 840 pied, il üisa 92, għoli 62 u jcun jasa 600 passiġgier ta'l prima, 1,200 ta's-seconda, l-equipaġġ 600, tunellaġġ 40,000, *horse-power* 50,000. Kam miljun u nofs lira sterlina. Üarajh sejjrin jibnu iehor daksu it-«Titanic» li jvaraüh is-sena li gejja.

**L-Osservatorju Astronomicu** ta' Treptow ħdejn Berlin hu l-acbar üieħed li haün f'id-dinja. Dana fih telescopju b'lenti ta' sebgħin pulzier djametru li bih il kamar jaraüh seüüa daks li chiecu chien bogħod minn'na ħamsin mil biss.

**Meta Edison** ivvinta iċ-cinematografu l-eüüel *film* li għamel chien ragel li jakla il cappell minn rasu jsellem u jarġa jkiegħdu u biex irnexxielu tajjeb għamel ma'l ħamsin prova.

**F'il 31 ta' Aüüissu** li għadda it-TRAM għalak l-eüüel ħamsin sena. L-eüüel tram li gera f'it-torok b'il passiġgieri chien f'Berkehead, fl-Inghilterra. Kabel chien jeżisti iżda b'iż-żüiemel u chien l-actar ijservi għal mercanzija.

**F'Losanna,** fl-Isvizzera, certa modista ħarget il moda li f'il cpiepel in-nisa jkiegħdu il fjuri veri billi taħt il cappell ijcun hemm ħaġa bl-ilma biex ma jitbielux.

( *Jissocta.* )

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nistħajjilcom tgħiduli: «X'ħemm bżonnħa? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġħa taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

**B'NOFS PREZZ**

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement.* Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il hlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena IŻ-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**

Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'
IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL
GHAND L'AGENTI F'MALTA




C. CAMILLERI & SONS
50 STR. MERCANTI IL BELT
CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfahhar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetrićja, ta' ginecologija u ta'l ghajnejn, b'heffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullhadd hareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l hagra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet ohrajn, l-isbah li jaghmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx johroġ pur b'iż-żejjed u ghalhecc ma chienx jaghmel dac il gid collu li chien imissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida johroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà ghal dina il haġa li kieghda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' htieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li ghandu minnu hlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u ghalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossiġenu pur f'loc li jokghod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji ohra jsibu lest ghand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat hafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

ghandu ghal bejh cull xorta ta' hġieġ, żebgha, żjut, imsiemer, ghodod, hŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilghu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabih ŭisk u hafna hŭejjeġ ohra bhal daŭn ta'l ahjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif tohorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

hi sgur dic li ghamlu dan l-ahhar billi sabu haġa li tiffranca m'hux biss xoghol u żmien iżda flus ucoll u tahbit f'il **hasil.**

Mela biex tiffrancaŭ ix-xoghol u l-gheric

UZAU "IR-RUBNIT,"

Biex tiffrancaŭ is-sapun ghaliex tahlu ftit

UZAU "IR-RUBNIT,"

Biex ma thallsux hassiela u ma tahlux hafna żmien

UZAU "IR-RUBNIT"

li jinbiegh il Belt ghand ir-Sur **WAGNER**, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema ghand il « **BRITANNIA** » ta' Sda. it-Torri.

Min hu marid bl-ANEMIJA (jakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jiehu



**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara ghaxar snin ugiegh ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun ghaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh tukhom stess jeŭ fuk xi hadd iehor u harġu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigh fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

Hecc sejjah is-seclu taghna il gharef Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu ghaliex il-lum ma haŭn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta

NEVRASTENIJA

li kieghda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Ghalhecc l-ahjar tobba kieghdin jithabtu biex ijsibu cura seŭŭa ghal dina il marda ghaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda hadd ma irnexxa daks il gharef u imfahhar

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

li ŭara studju cbir sab il famus

ANTINEVROTICU

li kieghed ijfejjak jeŭ jaghmel il gid lil cull min jużah.

F'Malta dan ijbighu

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.